MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# ID-DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 27/09

Il-Ħamis 13 ta' Novembru 2025

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: R. Baldacchino; Viċi-Sindku: A. Dalli Kunsilliera: S. Caruana, M. Micallef u C. Chetcuti

AĠENDA

27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

27.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

27.4 Attivita tal-Milied 2025;

27.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

27.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja - progress
d. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
e. Proġett tal-Housing Estate - progress

27.7 Rapporti;

Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Jan – Sett 2025)

27.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

27.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**Minuti**

**Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa**

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa (5:00pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**27.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;**

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 26/09 nem con.

## 27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

27.3.1 Is-Sindku għamel referenza għal magna tal-BCRS, fejn s-Sindku propona li l-Kunsill jħallas biss il-cladding. Il-Kunsilliera M Micallef proponiet li l-magna titneħħa għal kollox issa li hemm is-servizz għall-anzjani. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li l-Kunsill iħallas biss għal cladding. Is-Sindku talab biex tintbgħat email lir-rappreżentanti tal-BCRS dwar din id-deċizjoni.

27.3.2 Is-Sindku għamel referenza għan-nuqqas ta' dawl li hemm fi Triq Mons. Pawlu Mallia, fejn is-Sindku nforma lil dawk preżenti li ser ikun qed ikellem lill-kuntrattur. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm talba għall-road hump u bollards fi Triq Santa Marija.

27.3.3 Is-Sindku forma lil dawk preżenti li l-aħħar seduta dwar il-binja tal-Kunsill ser tkun fis-26 ta' Frar 2026, fejn ser tkun qed tingħata s-sentenza.

17.18hr Is-Sindku talab sabiex tiġi sospiża laqgħa għal ftit ħin.

17:21hr Il-lagħqa tkompliet.

27.3.4 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill Reġjonali ta' Nofsinhar ser jkun qed jagħti s-somma ta' elfejn ewro għat-tiżjin tal-Milied fil-lokalita'. Dawn il-fondi ser jkunu qed jgħinu lill-Kunsill fl-ispiża li jagħmel biex jżejjen it-toroq fil-Gudja.

27.3.5 Ġiet preżentata korrispondenza li ntbgħatet mid-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali dwar xi velenu li ser jkunu qed joffru minħabba l-ġrieden, fejn talbu sabiex il-Kunsill jindika xi toroq u żoni fil-lokalita' li qed ikun hemm din il-problema.

27.3.6 Is-Sindku għamel referenza għal Laqgħa Annwali tal-Lokalita, fejn bi qbil li kien hemm bejn il-membri tal-Kunsill, din il-laqgħa ser isir fil-11 ta' Diċembru 2025 fis-6.30pm.

27.3.7 Ġiet preżentata korrispondenza dwar is-sistema tal-Local Permits, fejn din is-sistema ħa tibda tiġi mħallsa mill-Kunsill u mhux aktar mill-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel li jibqa' jħaddem din is-sistema u jħallas għal dan is-servizz.

27.3.8 Ġiet preżentata l-kwotazzjoni biex jiġu printjati l-kartolini tal-Milied biex jitqassmu fid-djar. Dawn il-kartolini ser isiru minn xi wħud mit-tpinġijiet li preparaw it-tfal tal-iskola primarja tal-Gudja.

## 27.4 Attivita' tal-Milied 2025;

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-preparamenti kollha kienu lesti għal din l-attivita'. Informa lil dawk preżenti li kien tweħħel banner f'Dawret il-Gudja u li fil-jiem li ġejjin ser tibda titella' l-informazzjoni fuq il-paġna soċjali tal-Kunsill. Ġiet preżentata kwotazzjoni biex tiżejjen l-ewwel parti ta' Triq Raymond Caruana. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €1,300, liema kwotazzjoni ġiet approvata minn dawk preżenti.

**27.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

27.5.1 Il-Kunsilliera C Chetcuti qalet li l-boroż tal-iskart ta' Triq San Mark qed jitpoġġew fejn l-iskola primarja u mhux jingabar minn wara l-bieb.

27.5.2 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għall-proġett ta' Vjal Kulħadd, meta huwa maħsub li jitlesta xogħol. Is-Sur Caruana staqsa wkoll jekk il-ħitan tas-sejjieħ hux ser jiġu rranġati.

27.5.3 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għal bollards tal-pjazza, fejn propona li jitwaħħlu kollha u jinbidlu l-katnazzi u ċwievet jinġiebu biss mingħand il-Kunsill.

27.5.4 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għar-reserved parkings li hemm fi Triq iż-Żebbuġa u Triq San Mark.

**27.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Ġnien Raymond Caruana – progress

   Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jsir anti slip tape mat-turġien kollha tal-ġnien. Is-Sindku għamel referenza għal ħadid tar-railing, fejn kien hemm qbil biex jinġiebu kwotazzjonijiet biex isir tal-ħadid flok stainless steel. Is-Sindku propona wkoll biex isir il-ħart fi Ġnien R.Caruana.

b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miż 4.3 – Toroq Rurali – progress
   Ix-xogħol fuq dawk it-toroq għaddej b'ritmu tajjeb u huwa mistenni li jlesti sal-aħħar ta' dan ix-xahar sabiex b'hekk inkunu nistgħu nħallsu u nagħmlu l-claims meħtieġa biex nieħdu l-fondi.
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progress

**27.7 Rapporti;**

Is-Sindku preżenta ir-Rapport Finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-Sena 2025. Dawk preżenti approvaw dan ir-rapport.

**27.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 18/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera M Micallef u sekondata mill-Kunsilliera C Chetcuti għall-ammont totali ta' €40,840.11 u ġiet approvata nem con.

**27.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 11 ta' Diċembru 2025 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum il-Ħamis 11 ta' Diċembru 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv